MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2012

Rikors Numru. 380/2011

ab

**vs**

**cd**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu l-attur ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fit-tnax ta' Gunju elf disa' mija sebgha u sebghin (12/06/1977) (Ara Dok EF 1 anness) u li minn dan iz-zwieg kellhom tifel E li llum huwa maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Joseph Brincat mill-ghoxrin ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u erbgha u tmenin (20/06/1984) (Ara DokEF 2 anness);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom sebgha u ghoxrin sena mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separati minn xulxin u sahansittra ffurmaw rabtiet ma' persuni ohrajn;

Illi l-kuntratt ta' separazzjoni jipprovdi ghall-manteniment dovut lil mara u m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju ghat-tifel stante li llum huwa maggorenni u 'l fuq minn tlieta u ghoxrin sena (Ara Dok EF 2, Klawsola 3);

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Novembru, 2011;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mill-20 ta' Gunju 1984;

Illi huwa ipprova wkoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi huwa dejjem hallas il-manteniment dovut lill-intimata u illi f'dan l-istadju l-ebda manteniment ma hu dovut lit-tifel li illum huwa maggorenni;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------